**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 102/2005 AF**

**Nicholas Mercieca u**
**Malcolm Mercieca eredi ta' Joseph Mercieca**

**vs**

**Grace mart Victor Vella u**
**Tereza Mercieca ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni tal-atturi Mercieca, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fortunato Mercieca, missier Joseph Mercieca miet fil-5 ta' Frar 1995.

Joseph Mercieca miet fit-12 ta' Jannar 2005 u halla bhala eredi tieghu lill-uliedu l-atturi.

B'testment unica charta fl-Atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 22 ta' Ottubru 1990 Fortunato Mercieca istitwixxa bhala eredi tieghu lil bintu Grace Vella, halla b'titolu ta' legat l-uzu u

uzufrutt tal-bini tieghu lil martu Tereza Mercieca, filwaqt li halla l-legittima lil ibnu Joseph Mercieca.

L-eredi ta' Joseph Mercieca jixtiequ li tigi likwidata u assenjata l-legittima spettanti lil missierhom u issa lilhom b'effett tal-ligi mill-wirt ta' missieru Fortunato Mercieca.

Ghal dan il-fini irid jigi likwidat il-konsistenza tal-assi ereditarju kollu ta' Fortunato Mercieca kif jirrizulta waqt il-kawza.

Ghalkemm il-konvenuta Grace Vella mitluba sabiex tghaddilhom sehemhom tal-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' Fortunato, semmai soggetta ghall-uzu u uzuzfrutt ta' martu Tereza Mercieca li ghadha hajja din baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tordna li l-assi ereditarju tal-mejjet Fortunato Mercieca jigi likwidat f'dak kollu li jirrizulta spettanti lilu.

2. Tordna li mill-assi hekk likwidati tigi likwidata l-porzjoni spettanti lill-atturi biex taghmel tajjeb ghall-legittima spettanti lilhom skond il-ligi, prevja li jsiru il-kollazzjonijiet li jkunu eventwalment necessarji u dan permezz ta' periti nominati mill-Qorti.

3. Tordna li l-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti jassenjaw lill-atturi l-istess legittima n-natura hekk likwidata bil-frutti skond il-ligi a saldu tad-drittijiet taghhom tal-assi ta' Fortunato Mercieca.

4. Jigi nominat attur minn din il-Qorti biex jircievi l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw il-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Grace mart Victor Vella u ta' Tereza Mercieca, li permezz tieghu, eccepew illi:

Fl-ewwel lok il-konvenuti qatt ma gew interpellati b'mod ufficjali sabiex huma jghaddu lill-atturi s-sehem taghhom bhala

legittima spettanti lilhom u dan ghar-ragunijiet li jafuhom sew l-istess atturi u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Minghajr pregudizzju il-konvenuti ma ghandhom ebda oggezzjoni li tigi likwidata l-legittima spettanti lill-atturi jew lill-aventi kawza taghhom jekk dan ikun il-kaz u wara li jigu indikati bl-ezatt l-assi tal-mejjet Fortunato Mercieca li minnhom tista' tittiehed il-legittima.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra u minn issa tirriserva d-dritt li l-esponenti jipprocedu kontra l-atturi sabiex jigu mharsa d-drittijiet tal-proprjetà taghhom.

Rat l-affidavits u semgħet ix-xiehda prodotta quddiemha.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti (dwar l-immobbli li jiffurmaw parti mill-assi tal-mejjet Fortunato Mercieca) u r-rapport tal-perit tekniku l-ieħor Vincent Ciliberti (dwar il-mobbli li kienu jappartjenu lill-istess assi).

Rat in-noti ta' referenzi tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-atturi Malcolm u Nicholas aħwa Mercieca (l-eredi ta' missierhom Joseph Mercieca) intavolaw din il-kawża kontra oħt missierhom Grace Vella sabiex tgħaddilhom il-leġittima spettanti lil missierhom Joseph Mercieca mill-wirt ta' missieru (nannuhom) Fortunato Mercieca.  Fiż-żmien li saret il-kawża nannithom Tereza Mercieca, l-armla ta' Fortunato Mercieca, kienet għadha ħajja u kellha l-użu u l-użufrutt tal-wirt tiegħu, għalhekk ġiet inkluża bħala konvenuta għal kull interess li jista' jkollha.  Hija mietet fil-mori tal-kawża.

Jirrizulta illi fit-22 ta' Ottubru 1990 sar testment[1] li bih il-konjuġi Fortunato u Tereza Mercieca, ġenituri ta' Grace Vella u Joseph Mercieca (missier l-atturi) ħallew lil xulxin l-użu u l-użufrutt tal-assi universali tagħhom, innominaw lil binthom Grace Vella bħala l-uniku eredi universali tagħhom, u fir-rigward ta' binhom Joseph Mercieca iddikjaraw li kien jistħoqqu biss il-leġittima.

Fis-26 ta' Lulju 1993 sar testment[2] li bih il-konjuġi Joseph u Carmen Mercieca, ġenituri tal-atturi Malcolm u Nicholas Mercieca, innominaw lill-istess uliedhom Malcolm u Nicholas Mercieca bħala l-eredi universali tagħhom.

Fil-5 ta' Frar 1995 miet Fortunato Mercieca[3], missier Joseph Mercieca.

Fil-31 ta' Lulju 1995, Tereza Mercieca u Grace Vella għamlu l-*causa mortis*[4] ta' Fortunato Mercieca, fejn iddikjaraw li l-assi immobbli tiegħu jikkonsistu f'nofs (1/2) indiviż ta' tlett proprjetajiet, kollha fin-Naxxar u kollha akkwistati matul iż-żwieġ: dar bl-isem "May Day", dar bl-isem "Sunshine" u garaxx bl-isem "Falcon Forge".

Fl-1 ta' Novembru 2000 il-Qorti tal-Appell (inferjuri) fil-kawża Fortunato Mercieca vs Joseph Mercieca (Avv. 20/91) laqgħet l-eċċezzjoni ta' Joseph Mercieca u iddikjarat li l-post "Sunshine" huwa okkupat minn Joseph Mercieca b'titolu ta' kommodat.

Fis-27 ta' Frar 2002 sar kuntratt ta' donazzjoni[5] li permezz tiegħu Tereza Mercieca ittrasferiet lil bintha Grace Vella in-nofs (1/2) indiviż tagħha mit-tlett proprjetajiet: id-djar "May Day" u "Sunshine" u l-garaxx "Falcon Forge".

Fit-3 ta' Frar 2004 sar testment ta' Tereza Mercieca[6]. Grace Vella iddikjarat li ommha ħalliet lilha bħala l-eredi universali

[1] Testment tal-konjuġi Fortunato u Tereza Mercieca, 22.10.1990, fol 114-115
[2] Testment tal-konjuġi Joseph u Carmen Mercieca 26.07.1993, fol 20-22
[3] Certifikat tal-mewt ta' Fortunato Mizzi, fol 5
[4] Causa Mortis ta' Fortunato Mercieca, fol 116,118
[5] Kuntratt ta' donazzjoni ta' Tereza Mercieca, fol 119-121
[6] Mir-riċeriki jirriżulta li Tereza Mercieca għamlet testament datat 03.04.2004.

tagħha[7]. Però għalkemm din il-qorti ordnat diversi drabi li jiġi ppreżentat it-testment ma jidhirx li fil-fatt ġie ppreżentat.

Fit-12 ta' Jannar 2005 miet Joseph Mercieca[8], missier l-atturi.

Fit-28 ta' Jannar 2008 mietet Tereza Mercieca[9], l-armla ta' Fortunato Mercieca.

**L-assi ta' Fortunato Mercieca:**

- **Oġġetti Immobbli:**

Il-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-rapport tiegħu[10] għamel stima tat-tlett proprjetajiet immobbli ("Sunshine", "Falcon Forge" u "Mayday") li tagħhom Fortunato Mercieca kellu sehem ta' nofs (1/2) indiviż. Dawn illum huma kollha proprjetà tal-konvenuta Grace Vella – nofs (1/2) indiviż b'wirt ta' missierha u nofs (1/2) indiviż bid-donazzjoni li għamlitilha ommha fl-2002.

1). Fir-rigward tal-fond "Sunshine" 21st September Avenue, Naxxar, jirrizulta illi:

Dan il-fond kien inbena minn Fortunato u Tereza Mercieca għal binhom Joseph Mercieca meta kien se jiżżewweġ. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-2000 fis-sentenza fuq ċitata, dan kien għand Joseph Mercieca b'titolu ta' kommodat. Ibnu l-attur Malcolm Mercieca, fl-affidavit tiegħu[11] xehed li wara l-mewt ta' missieru, d-dar baqgħet okkupata b'titolu ta' kommodat minn ommu u minnu li għadu ġuvni. Kif spjega l-perit tekniku, dan qed jiġi kkontestat mill-konvenuti u kellhom f' moħħhom li tiġi ppreżentata kawża f'dan ir-rigward.

[7] Ara rikors tat-28.08.2009, fol 94
[8] Ċertifikat tal-mewt ta' Joseph Mercieca, fol 16
[9] Ċertifikat tal-mewt ta' Tereża Mercieca, fol 101
[10] Rapport tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti, fol 41-64
[11] Affidavit ta' Malcolm Mercieca, fol 15

*Stima tal-perit:*
*Fid-data tal-mewt ta' Fortunato Mercieca (05.02.1995), il-fond kien jiswa:*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm60,000 |
| Mikri | Lm15,000 |
| B'titolu ta' kommodat | Lm25,000 |

*Fiż-żmien tar-rapport (2006)*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm90,000 |
| Mikri | Lm25,000 |
| B'titolu ta' kommodat | Lm35,000 |

2). Fir-rigward tal-garaxx "Falcon Gorge", Mosta Road, Naxxar:

Dwar dan il-garaxx, jirriżulta li Fortunato Mercieca, kien jeżerċita s-sengħa tiegħu ta' ħaddied minnu. Carmel Victor Vella (ir-raġel tal-konvenuta Grace Vella) xehed[12] li Fortunato Mercieca kien jopera industrija mdaqqsa fil-qasam tax-xogħol tal-ħadid. Spjega li għal żmien twil huwa kien jaħdem miegħu, flimkien ma' Joseph Mercieca u għadd ta' ħaddiema oħra impjegati mill-istess Fortunato Mercieca. Qal li biex Fortunato Mercieca jikkwalifika għall-pensjoni kellu jittrasferixxi l-permess fuq ibnu Joseph Mercieca. Jirrakkonta li darba kellhom argument sħun u Joseph Mercieca qallu biex joħroġ 'il barra mill-fabbrika għax ladarba ttrasferielu l-fabbrika ma kellux jedd jibqa' hemm. Fix-xiehda tiegħu tal-21 ta' Mejju 2005 qal li l-garaxx li fih kienet tiġi operata l-industrija tal-ħadid kien ilu magħluq xi 3 snin iżda baqa' jintuża biex tiddaħħal il-karozza privata ta' ulied Joseph Mercieca.

Din il-qorti tagħmel riferenza għal document datat 27/09/88 esebit a fol. 143 li jgħid hekk:

> *"Jien Fortunato Mercieca hawn taħt iffirmat, niddikjara li qed nikri il-garage "Falcon Forge", Mosta Rd, Naxxar, għas-somma ta' Lm100 fis-sena lil Joe Mercieca li hu ibni." Tereza Mercieca fl-affidavit tagħha[13] qalet li "Il-flus tal-kera*

[12] Affidavit ta' Carmel Victor Vella, 21.05.2007, Dok CVV1, fol 78-80
[13] Affidavit ta' Tereza Mercieca, fol 87-88

*qatt ma tahomlna imma kienu jiġu depożitati fil-Qorti…meta kien jiġi biex jagħtina mitt lira kera tal-garage żewġi u jien qatt m'aċċettajna u kien ipoġġihom il-Qorti."*

*L-istima tal-perit ghal dan il-fond:*
*Fid-data tal-mewt ta' Fortunato Mercieca (05.02.1995):*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm 60,000 |
| Mikri | Lm20,000 |

*Fiż-żmien tar-rapport (2006)*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm90,000 |
| Mikri | Lm30,000 |

3). Fir-rigward tal-fond "Mayday House", Parish Street, Naxxar:

Dan il-fond oriġinarjament kien id-dar matrimonjali ta' Fortunato u Tereza Mercieca, imbagħad kienu bnew sular fuq tali dar għal binthom Grace u kienu jikruhulha għal Lm80 fis-sena. Fl-affidavit tagħha, Grace Vella spjegat li:

"…*l-kirja kienet saret minn missieri bil-patt u kundizzjoni li jiena u żewġi u familti nibqgħu nieħdu ħsiebhom sa mewthom kif fil-fatt għamilna u għadna nagħmlu ma' ommi."*

*Stima tal-perit ghal din id-dar:*
*Fid-data tal-mewt ta' Fortunato Mercieca (05.02.1995)*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm90,000 |
| Sular ta' fuq mikri | Lm30,000 |

*Fiż-żmien tar-rapport (2006)*

| | |
|---|---|
| Vojt | Lm150,000 |
| Sular ta' fuq mikri | Lm35,000 |

- **<u>Oġġetti mobbli:</u>**

Il-perit tekniku Vincent Ciliberti fir-rapport tiegħu[14] ikkonkluda li l-valur tal-oġġetti mobbli li jinsabu fir-residenza ta' Fortunato Mercieca, kif ukoll ta' kwalunkwe biċċa mobbli oħra indikata lilu mill-partijiet, jammonta għal Lm4,450. Huwa esebixxa lista tal-oġġetti li vvaluta (Dok VEC1) u r-ritratti relattivi tagħhom (Dok VEC2). Huwa sussegwentement u fuq talba ta' din il-qorti ippreżenta nota fit-2 ta' Ġunju 2009 fejn spjega li l-istima li kien għamel kienet tirrifletti l-valur tal-oġġetti fiż-żmien li saret l-istima (2007).

- **<u>Flus:</u>**

Xehdu rappreżentanti tal-BOV u tal-HSBC. Joseph Borg Cardona[15] mill-BOV qal li ma rriżultalux li Fortunato Mercieca kellu xi kontijiet bejn l-1980 u l-1995. Audrey Ghigo[16] mill-HSBC spjegat li ma setgħetx tara jekk Fortunato Mercieca kellux kontijiet mal-HSBC bejn l-1980 u l-1995 peress li l-bank iżomm records biss għal disa' snin.

Tereza Mercieca, fix-xiehda tagħha[17] quddiem il-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti qalet li:

> *"Meta miet żewġi flus il-bank ma kellniex għax kien ħadhom għax kellu bżonnhom. Fuq ismi ma kien hemm xejn. Kien ġibed kollox biex iħallas il-bolol tal-ħaddiema. Ma kellux wisq. Flus id-dar ma kellux għax żewġi għamel erba' snin fis-sodda. Ma ħadna l-ebda flus minn imkien meta miet żewġi. Kellu jagħti xi flus tal-ħadid u ħallashom hu qabel ma miet għax hu kien jgħaffeġ. Wara l-mewt ma kienx hemm dejn. Ma kellniex flus barra minn Malta."*

Il-Qorti ikkunsidrat illi l-leġittima hija dik il-parti tal-proprjetà tad-decujus li l-ligi tirriserva lill uliedu u lil dawk kollha

[14] Rapport tal-perit tekniku Vincent Ciliberti, fol 70-76 (inkl. Dok VE1 u Dok VE2)
[15] Fol 33, Xiehda tal-15.12.2005
[16] Fol 34, Xiehda tal-15.12.2005
[17] Fol 63-64

parentati mieghu li għandhom dritt għaliha skond il-liġi. Il-leġittima kunsidrata bhala forma ta' successjoni intestata, tiddevolvi *ex lege*; u tikkostitwixxi limitazzjoni għad-dritt assolut, appartenenti lid-decujus, qua proprjetarju tal-beni tiegħu, li jiddisponi mill-proprjetà tiegħu "*bil-mod l-iktar assolut*."[18]

Skont l-Artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili il-leġittima (jew il-porzjoni riservata, kif tissejjaħ illum) li jmiss lill-ulied hija terz (1/3) tal-valur tal-beni tal-mejjet jekk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa. Għalhekk f' dan il-każ, peress li Joseph Mercieca (missier l-atturi) huwa wieħed minn żewġt aħwa, bħala leġittima kellu dritt għal nofs (1/2) minn terz (1/3) tal-assi ta' misseru.

L-Artikolu 620(2) jipprovdi li l-leġittima għandha tiġi kkalkolata fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral.

Għalkemm ghall-fini tal-komputazzjoni tal-*quantum* tal-parti riservata ghall-leġittimarji, il-liġi tiddisponi li din għandha ssir fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqas il-passiv inklużi l-ispejjeż tal-funeral, dan ma jagħtix lil-leġittimarji d-dritt li jesiġu, jew l-obbligu li jieħdu, sehem minn kull oġġett li jikkostitwixxu l-beni tad-decujus. Il-leġittima hija biss kwota mill-beni li jħalli d-decujus u għalhekk dana jista' jiddisponi kif irid mill-beni tiegħu, mingħajr distinzjoni tal-ispeċi tagħhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantità. Jiġifieri sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli, huwa mhux obbligat iħalli lill-leġittimarju determinata speċi ta' beni.[19]

Il-Qorti qieset il-kwistjoni dwar jekk il-valur tal-assi għandux ikun dak fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (1995) jew fiż-żmien aktar qrib tal-pronunzja ġudizzjali. L-atturi qegħdin jargumentaw li sabiex tiġi kkomputata l-leġittima il-valur li għandu jittieħed huwa dak il-valur l-aktar viċin ta' meta tingħata l-leġittima lil-leġittimarju, filwaqt li l-konvenuta targumenta li l-leġittima għandha tiġi kkalkulata fuq il-valur

[18] Art 320, Kodiċi Ċivili
[19] Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et, Prim' Awla, 22.05.1950

tal-assi fiż-żmien li infetaħ il-wirt.

Din il-qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Ġunju 2009 fil-kawża fl-ismijiet Michelle Shires et vs Giovanna Bonello et fejn ġie ritenut illi fl-eventwalità li l-eredi jittrasferixxu parti mill-assi ereditarji qabel ma tiġi likwidata u mħallsa l-leġittima spettanti lil-leġittimatarju, *"… r-rimedju koncess lil-legittimarju huwa li fir-riunjoni fittizja ta’ l-assi ereditarji għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima, il-valur tal-ġid trasferit għandu jitqies bħala dak taż-żmien meta sejra tigi likwidata l-legittima u mhux dak taż-żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni."*

Tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta’ Marzu 2004 fil-kawża fl-ismijiet Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et fejn kienet saret riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta’ Diċembru 1973 fl-ismijiet Emilia Mifsud vs Eleonora Mizzi et.:

> *"F’dik is-sentenza ngħarfu żewġ sitwazzjonijiet partikolari f’każ fejn tintalab il-leġittima: l-ewwel każ hu dak li jikkontempla l-aljenazzjoni mill-werrieta ta’ biċċa mill-ġid tal-wirt wara l-ftuħ tiegħu (u waqt li kien għaddej is-smigħ tal-kawża), filwaqt li t-tieni każ hu dak li jikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-ġid li minnu kellha tittieħed il-leġittima baqa’ kollu f’idejn il-werrieta. Fl-ewwel ipoteżi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-ġid hekk trasferit kellu jitqies bħala dak taż-żmien meta sejra tiġi likwidata l-kwota leġittimarja bis-sentenza. Fil-każ tat-tieni ipoteżi, il-valur tal-ġid kellu jkun dak fiż-żmien li nfetaħ il-wirt, u b’mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta’ komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta’ riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b’rifless ta’ dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) bilfors wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f’dan ir-rigward, tad-*

*dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni."*[20]

Ma jirriżultax li xi parti mill-assi li ħalla Fortunato Mercieca ġiet trasferita u għalhekk jidher li ċ-ċirkostanzi tal-kawża in kwistjoni jinkwadraw taħt it-tieni ipoteżi. Isegwi għalhekk li din il-qorti għandha tikkunsidra l-valuri tal-assi tiegħu fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, u cioé l-1995.

**Kalkolazzjoni tal-leġittima:**

Valur tal-mobbli fl-1995:

| | |
|---|---|
| Il-fond "Sunshine" b'titolu ta' kommodat: | Lm25,000 |
| Il-garaxx "Falcon Forge" mikri: | Lm20,000 |
| Il-fond "Mayday" bis-sular ta' fuq mikri: | Lm30,000 |
| Total: | **Lm75,000** |

Kif jirriżulta mid-dokument tal-*causa mortis* datat 31 ta' Lulju 1995[21], dawn il-proprjetatjiet kienu ġew akkwistati waqt iż-żwieġ u għalhekk Fortunato Mercieca kellu nofs indiviż minn kull waħda minn dawn il-proprjetajiet. Għalhekk il-valur totali tal-assi immobbli ta' Fortunato Mercieca fil-perjodu tal-mewt tiegħu huwa ta' **Lm37,500.**

Valur tal-mobbli fl-1995:

Il-perit Vincent Ciliberti ikkonkluda li l-valur tal-oġġetti mobbli (oġġetti domestiċi u oġġetti relatati mas-sengħa ta' ħaddied) fis-sena 2007 meta għamel l-istima tagħhom kien ta' Lm4,450. Din il-qorti ser tqis li fis-sena 1995 kellhom valur ta' Lm4,000. In-nofs indiviż ta' Fortunato Mercieca jiġi **Lm2,000**.

Djun:

Ma jidhirx li kien hemm djun.

[20] Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et, App. Ċiv. 10.12.1973 (mhux ippubblikata)
[21] Fol 116-118

Spejjeż tal-funeral:

Din il-qorti ser tillikwida l-ispejjeż tal-funeral ta' Fortunato Mercieca (fl-1995) *arbitro boni viri* fl-ammont ta' **Lm300.**

Il-leġittima dovuta lil Joseph Mercieca:

Għalhekk is-somma li fuqha għandha tiġi kkalkulata l-leġittima hija ta' **Lm39,200**. (Lm37,500 + Lm2,000 – Lm300)

Il-leġittima (1/3 ta' Lm39,200) hija ta' Lm13,067 u għalhekk Joseph Mercieca, bħala wieħed minn żewġt aħwa kien imissu l-ammont ta' **Lm6,533.**

L-imgħaxijiet:

L-Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li jekk it-talba għas-sehem riservat (il-leġittima) tkun saret iktar tard minn sentejn mill-ftuħ tas-suċċessjoni, imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 (8%) mid-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju "*għandhom jiżdiedu*" mal-ammont dovut lill-leġittimarju. Jipprovdi wkoll li l-qorti tista' fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jinħtieġu tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata anqas.

Din il-qorti, in vista tal-fatt li din il-kawża ilha pendenti, hija tal-fehma li jkun aktar ġust li bħala rata ta' imgħax tiġi applikata r-rata ta' 3.5%.

L-ispejjeż

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti sostnew illi ladarba huma qatt ma ġew interpellati b'mod uffiċjali sabiex jgħaddu lill-atturi s-sehem tagħhom bħala leġittima spettanti lilhom, huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt fit-tieni eċċezzjoni qalu li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li tiġi likwidata l-leġittima spettanti lill-atturi.

Veru li ma jidhirx li ġew interpellati qabel iżda tenut kont tal-fatt li kien hemm bżonn ta' periti imqabbdin mill-qorti biex wieħed jasal għall-valutazzjonijiet tal-mobbli u immobbli tad-

decuius, u tad-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar kif kellha tiġi kkalkulata l-leġittima (anke in vista tal-fatt li l-partijiet ma kinux qed jaqblu fuq liema żmien kellhom jiġu kkalkulati l-assi tad-decujus), jidher li l-kawża odjerna ma kinitx ser tiġi evitata.

In oltre huwa risaput li l-leġittimarju m'għandux ibati spejjeż. Issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla mogħtija fl-14 ta' Frar 2012 fl-ismijiet Miriam Cremona et vs Michael Bonnici et fejn il-qorti qalet hekk:

> *"Illi kif huwa ben risaput u radikat fil-ġurisprudenza ossia fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 1990 fil-kawża Citazz Nru 630/82G fl-ismijiet Carmelo Apap vs Maria Rosaria sive Lucy Scicluna per Imħallfin Prof Hugh Harding, Onorevoli Joseph Herrera u Onorevoli Carmelo Agius: "ill kwantu illi qiegħed jagħmel il-kawża biex jitħallas il-leġittima fuq il-wirt ta' missieru, m'għandux ibati spejjeż billi l-leġittimarju kif inhu risaput m'għandux ibati spejjeż f' kawżi simili, liema spejjeż għandhom jiġu sopportati unikament mill-eredi."*

In vista ta' dan kollu għalhekk hija l-konvenuta li għandha tbati l-ispejjeż tal-kawża.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi ta' Fortunato Mercieca fl-ammont ta' <u>Lm39,500</u> ekwivalenti għal <u>€92,035</u> (tnejn u disghin elf u hamsa u tletin Ewro);

2. tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-porzjoni spettanti lill-atturi (bħala leġittima spettanti lill-mejjet missierhom) fl-ammont ta' <u>Lm6,533</u> ekwivalenti għal <u>€15,221</u> (hmistax-il elf mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro);

3. tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuta Grace Vella tħallas lill-atturi s-somma ta' €15,221 (hmistax-il elf mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro) bl-imgħaxijiet ta' 3.5% mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni (3 ta' Frar 2005);

4. tastjeni milli tikkunsidra r-raba' talba ladarba mhux sejra tiġi assenjata proprjetà immobbli;

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG